

**INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI****Estratt mid-Deċiżjoni li tikkonċerna Glitnir Banki HF skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/24/KE fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu**

(2009/C 96/06)

**GLITNIR BANKI HF**

Fid-19 ta' Frar, 2009 skont l-ordni tal-Qorti Distrettwali ta' Rejkjavik, ġiet awtorizzata estensjoni għall-ordni tal-24 ta' Novembru 2008 li tagħti moratorju fuq ħlasijiet fir-rigward ta' Glitnir Banki hf. ("Glitnir") skont l-Artikolu 98 tal-Att Nru 161/2002 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi Glitnir issodisfa l-qorti li r-raġunijiet li għalihom kien inġhata l-moratorju għadhom validi u ma hemm l-ebda raġuni skont il-liġi applikabbli li tirrikjedi ċ-ċaħda tal-applikazzjoni għal estensjoni tal-moratorju. L-Avukat tal-Qorti Suprema Steinunn Grudbjarsdóttir inħatret biex tassisti lil Glitnir f'konnessjoni mal-moratorju. L-effett tal-ordni hu li ma jistgħux jinbdew proċedimenti legali kontra Glitnir sakemm dan ikollu moratorju fuq id-debiti, sakemm dan ma jkunx espliċitament permess bil-liġi jew jekk l-azzjoni tkun tikkostitwixxi proċedimenti kriminali li jinvolvu talbiet għal penali.

L-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-estensjoni tal-moratorju ddum b'effett sat-13 ta' Novembru 2009 fis-13:00 meta l-kwistjoni sejra terġa' tiġi indirizzata fil-Qorti Distrettwali ta' Rejkjavik fi Pjazza Laekjatorg, Rejkjavik, l-Iżlanda. Il-kredituri ta' Glitnir huma intitolati jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom waqt din is-seduta.

---